**20 ta' Frar, 1996**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Vincent Degaetano LL.D.**

Constantino *sive* Lino Grech *et*

*versus*

Onor. Nutar Dr. Alex Sceberras Trigona *et*

**Intervent *In Statu et Terminis* - Abbuż - Kopji Irregolari - Nullita' jew Le**

*L-intervenut intervjena mhux biex jipprotegi l-interess tiegħu, iżda biex f'każ li l-Qorti ta' l-ewwel grad ma tilqax il-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja, id-difiża li talvolta seta' jqajjem il-konvenut iqajjimhom l-intervenut fil-kawża. Hu evidenti li l-istitut ta' l-intervent* in statu et terminis *ma' jista' qatt jitħalla li jkun użat għall-finijiet subdoli bħal dawn.*

*L-appellant isostni li meta huwa kien innotifikat biċ-ċitazzjoni din in-notifika kienet nulla għax id-dokument li ġie lilu nnotifikat la kien fih il-firma ta' l-Imħallef u anqas ma kien ċertifikat bħala vera kopja mir-Reġistratur tal-Qorti.*

*Huwa żbaljat li tissemma' n-nullita f'dan il-kuntest. Il-liġi tikkontempla biss in-nullita' ta' l-atti ġudizzjarji u mhux tal-kopji ta' dawk l-atti. Kopja tista' tkun konformi jew mhux konformi ma' l-oriġinal. Tista' tkun kopja awtentikata jew informi. Imma l-kwalifika ta' nullita', f'kuntest ġuridiku, ma teżistix. Il-liġi difatti titkellem biss fuq kopji regolari jew irregolari.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-atturi appellati, minnhom ippreżentata fl-1 ta' Ġunju, 1988 li biha, wara li ppremettew:

Illi f'April, 1987 ġie organizzat *Coffee Morning* fis-Sala tal-Meditterran f'ġieh il-konvenut li dak iż-żmien kien Ministru ta' l-Affarijiet Barranin u Kultura;

Illi waqt l-imsemmi *Coffee Morning* ġiet organizzata lotterija

bil-biljett ta' 25 ċenteżmu 'il wieħed, li kif irreklama l-istess konvenut u xi *helpers* oħra fosthom Robbie Cefai, il-premju kien kamra tas-sodda li tiswa seba' mitt lira (Lm700);

Illi l-attriċi Frances Grech kellha l-biljett rebbieħ u meta ġiet ikkonsenjata s-suppost premju ġiet lilha mogħtija l-ittra ddatata 21 ta' April, 1987 mogħtija minn Mobilja Penza (Dok. A anness maċ-ċitazzjoni);

Illi sal-ġurnata tal-preżentata taċ-ċitazzjoni l-istess premju tal-kamra tas-sodda ta' Lm700 kien għadu ma ġiex ikkonsenjat lill-atturi, minkejja li dawn talbu lill-konvenut li jagħmel dan u anke ġie interpellat bl-ittra uffiċjali ta' l-14 ta' April, 1988 għal dan l-iskop (Dok. B anness maċ-ċitazzjoni);

Premess dan kollu, l-atturi talbu lill-konvenut jgħid għala l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex:

Tikkundannah biex fi żmien qasir u perentorju jikkonsenja lill-istess atturi is-sett tas-sodda ta' Lm700 li kien imwiegħed mill-konvenut bħala premju fil-lotterija fuq imsemmija; u

Fin-nuqqas li l-konvenut jagħmel dan fiż-żmien lilu mogħti, jiġi kkundannat iħallas lill-atturi l-valur ta' l-istess sett tal-kamra tas-sodda fis-somma ta' seba' mitt lira (Lm700);

*Bl-ispejjeż inklużi* dawk ta' l-ittra uffiċjali fuq imsemmija u bl-imgħax mid-data ta' l-istess ittra f'każ li tiġi milqugħa t-tieni talba kontra l-konvenut, inġunt għas-subizzjoni;

Rat li quddiem l-Ewwel Qorti il-konvenut appellant ma

ppreżentax in-nota ta' eċċezzjonijiet u d-dikjarazzjoni li tmur magħha fiż-żmien stabbilit fil-liġi;

Rat ir-rikors ta' Joseph Falzon (*illum wieħed mill-appellanti*) iddatat 6 ta' Frar, 1989 (wara li l-kawża kienet diġa' tħalliet għas-sentenza) li bih talab li jintervjeni fil-kawża; rat id-digriet ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti tat-8 ta' Frar, 1989 li bih laqgħet it-talba ta' l-imsemmi Joseph Falzon fis-sens ta' l-artikolu 960 tal-Kap. 12; rat ukoll in-nota ta' eċċezzjonijiet ta' l-istess Falzon ta' l-24 ta' Frar, 1989;

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ta' l-10 ta' Marzu, 1989 li biha dik il-Qorti:

Iddikjarat irrita u nulla n-nota ta' eċċezzjonijiet ta' Joseph Falzon bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Ċaħdet il-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja tal-konvenut Onor. Nutar Dr. Alex Sceberras Trigona; u

Ikkundannat lil-konvenut Nutar Alex Sceberras Trigona sabiex fi żmien xahar jikkonsenja lill-atturi s-sett tas-sodda li kien il-premju fil-lotterija msemmija fiċ-ċitazzjoni u, fin-nuqqas, iħallas lill-atturi s-somma ta' seba' mitt lira (Lm700) valur ta' l-istess *kamra tas-sodda*. Spejjeż għall-konvenut, minbarra dawk ta' l-intervenut fil-kawża li kellhom jiġu ssopportati mill-istess intervenut li ġie ukoll ikkundannat iħallas kwart ta' l-ispejjeż totali "minħabba l-intervent abbużiv tiegħu";

Rat in-noti ta' appell ta'l-Onor. Nutar Dr. Alex Sceberras Trigona u ta' l-intervenut Joseph Falzon, kif ukoll il-petizzjonijiet

ta' appell tagħhom - ippreżentati fis-6 ta' April, 1989 u fil-11 ta' April, 1989 rispettivament; rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti ser tiddisponi l-ewwel nett mill-appell ta' l-intervenut fil-kawża Joseph Falzon. *Hu bażikament jikkontendi li* l-Ewwel Qorti iddeċidiet ħażin meta ddikjarat in-nota ta' eċċezzjonijiet tiegħu irrita u nulla u għalhekk ma ħaditx konjizzjoni aktar tagħha. Issa, is-sekwenza ta' dak li ġara quddiem l-Ewwel Qorti kienet hekk:

*Omissis*;

Issa, l-Ewwel Qorti, apparti ċerti *riflessjonijiet li għamlet dwar* in-natura ġuridika ta' l-intervent *in statu et terminis* - riflessjonijiet li forsi ma tantx kienu meħtieġa fil-każ in diżamina u li għalhekk setgħu żvijaw xi ftit il-pern tal-kwistjoni - osservat li n-nota ta' eċċezzjonijiet ta' l-intervenut fil-kawża kienet tammonta għal sotterfuġju li bih wieħed kien qed jipprova jirraġġira jew jissana l-kontumaċja tal-konvenut. Infatti, dik il-Qorti, iddikjarat in-nota ta' eċċezzjonijiet ta' Joseph Falzon "irrita u nulla u mhux ammissibbli la fl-istat li kienet il-kawża <u>u lanqas fit-termini tagħha</u>" (enfasi ta' din il-Qorti) u kompliet hekk:

"Il-Qorti, pero', *ma tistax ma tikkummentax illi imbagħad* meta ħarset lejn il-kontenut ta' dik in-nota ta' Joseph Falzon, kieku dak il-kontenut kien ġie espost f'rikors għas-sospensjoni tas-sentenza - kif kien suppost - allura l-Qorti ma kinitx teżita li tirrevoka d-digriet tagħha ta' ammissjoni għaliex filwaqt li meta sar ir-rikors

ta' Joseph Falzon u ssottometta li *jrid jiddefendi* u *jipproteġi* l-interessi tiegħu hija tat kredibbilita` lil Falzon u l-avukat tiegħu u allura kienet sodisfatta li għandha tikkonċedi dak l-intervent - li skond il-liġi huwa kundizzjoni għal dak is-sodisfazzjon - issa rat illi fit-tieni eċċezzjoni tiegħu Falzon mhux talli ddefenda u pproteġa l-interess tal-konvenut prinċipali imma ukoll tefa' l-ħtija fuqu innifsu bħala wieħed mill-organizzaturi tal-*Coffee Morning*. Il-Qorti hija sprovvista mill-kapaċita` li *tifhem* kif dan jikkwalifika bħala difiża u protezzjoni ta' drittijiet;

Għalhekk il-Qorti tqis li dan il-presunt intervent fil-kawża ma kienx ħaġ'oħra *ħlief abbuż tal-proċeduri ġudizzjarji u tentattiv* pseudo-legalistiku biex jiġu aġġirati r-riguri proċedurali li timponi l-liġi bħala parti essenzjali ta' l-ordni pubbliku fil-proċediment ġudizzjarji";

Din il-Qorti tara li dan kien il-veru qofol tal-kwistjoni kollha ta' l-intervent fil-kawża, ċjoe` li l-imsemmi intervenut intervjena mhux biex jipproteġi l-interessi tiegħu iżda biex, f'każ li l-Qorti (ta' l-ewwel grad) ma tilqax (kif effettivament ma laqgħetx) il-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja, *id-difiża* jew *difiżi li talvolta seta'* qajjem il-konvenut iqajjimhom l-intervenut fil-kawża. Hu evidenti li l-istitut ta' l-intervent *in statu et terminis* ma jista' qatt jitħalla li jiġi użat għall-finijiet subdoli bħal dawn. Għal kull *buon fini* din il-Qorti sejra tirriproduċi l-eċċezzjonijiet ta' l-intervenut:

"Illi fl-ewwel lok il-biljett rebbieħ ma kienx ta' l-atturi iżda ta' binhom li għandu l-eta' legali u konsegwentement kellu jaġixxi personalment;

Illi inoltre ma kienx il-konvenut Nutar Alex Sceberras Trigona

li ottjena l-obbligazzjoni mingħand Mobilja Penza iżda l-organizzaturi tal-*Coffee Morning* imsemmi fiċ-ċitazzjoni;

Illi f'kull każ l-obbligazzjoni li tingħata kamra tas-sodda saret minn Joseph Penza f'ismu proprju u f'isem id-ditta Mobilja Penza Limited u għalhekk hemm lok li dan jiġi kjamat fil-kawża biex iwieġeb għall-obbligazzjoni tiegħu;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri";

U fit-tieni paragrafu tad-dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu, Joseph Falzon qal hekk:

"Illi inoltre ma kienx il-konvenut Nutar Alex Sceberras Trigona li ottjena l-obbligazzjoni mingħand Mobilja Penza iżda l-organizzaturi tal-*Coffee Morning* imsemmi fiċ-ċitazzjoni. <u>Effettivament dan sar direttament ma' l-esponent</u>. In-Nutar Sceberras Trigona ma kienx preżenti u ma kienx involut f'dan l-istadju" (sottolinear ta' din il-Qorti);

Din il-Qorti bħall-Ewwel Qorti, m'għandhiex l-iċken esitazzjoni li tiddikjara l-intervent ta' Joseph Falzon bħala wieħed abbużiv għall-aħħar. Id-diversi argumenti mressqa mill-appellant Falzon fil-petizzjoni tiegħu ma jbiddlu xejn minn dan. Għalhekk id-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti li biha ddikjarat in-nota ta' eċċezzjonijiet tiegħu irrita u nulla kienet sostanzjalment waħda ġusta li ser tiġi kkonfermata;

L-aggravji ta'l-appellant l-ieħor, ċjoe' n-Nutar Sceberras Trigona, huma bażikament tlieta: li l-Ewwel Qorti ddeċidiet ħażin meta ċaħdet il-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja bbażata fuq il-punt

legali dwar in-nullita' tan-notifika taċ-ċitazzjoni;

*Omissis*;

L-ewwel aggravju tal-konvenut appellant hu, bażikament, li meta hu ġie nnotifikat biċ-ċitazzjoni, din in-notifika kienet nulla għax id-dokument li ġie lilu nnotifikat (u li jinsab esebit bħala Dok. "A" a fol. 12 ta' l-atti) la kien fih il-firma ta' l-Imħallef u anqas ma kien ċertifikat bħala vera kopja mir-Reġistratur tal-Qorti; u li, ġaladarba kienet nulla, it-terminu ta' għoxrin ġurnata għall-preżentata ta' l-eċċezzjonijiet ma kienx beda jiddekorri. B'dan il-mod hu, ċjoe' il-konvenut, ried jiġġustifika l-kontumċja tiegħu. L-Ewwel Qorti ma qablitx u ddikjarat:

"... li l-kopja taċ-ċitazzjoni li biha huwa ġie nnotifkat - li ma kellhiex il-firma ta' l-Imħallef u l-awtentikazzjoni tar-Reġistratur - ma kellhiex bżonn li tkun iffirmata mill-Imħallef inkwantu hija kopja u li n-nuqqas ta' awtentikazzjoni tar-Reġistratur seta' jipprokuraha b'talba tiegħu fi żmien jumejn skond l-artikolu 192 Kap. 12, billi fin-nuqqas huwa jitqies li aċċetta dik il-kopja kif inhi";

In sostanza l-Ewwel Qorti rriteniet li notifika ta' kopja irregolari hija notifika valida għalkemm irregolari, liema rregolarita' hija mil-liġi stess regolarizzata bil-mod imsemmi fl-artikolu 192 tal-Kap. 12, u ċjoe' billi l-parti li jkollha l-jedd għal dik il-kopja tagħmel talba lir-Reġistratur "fi żmien jumejn mill-kunsinna tal-kopja mhux regolari" għal kopja regolari, "u f'dan il-każ, meta jkun hemm żmien stabbilit, dan iż-żmien ma jibdiex jgħodd qabel ma tiġi kkunsinnata l-kopja tajba" (artikolu 192 imsemmi). Il-konsiderandi ta' l-Ewwel Qorti fuq din il-kwistjoni kienu s-segwenti:

"Issa allura l-Qorti tista' tgħaddi biex titratta l-kwistjoni tan-nuqqas ta' notifika valida taċ-ċitazzjoni lill-konvenut Onorevoli Nutar Alex Sceberras Trigona;

Il-materja hija regolata b'mod ċar u eżawrijenti mill-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, b'dan il-mod:

'In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja ta' l-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata" - artikolu 187 (1) tal-Kap. 12 - li hija r-regola ġenerali għall-iskritturi kollha;

Il-Qorti ma tafx li hemm xi skrittura li mhix hekk regolata. Li hemm xi eċċezzjoni. U li l-att ta' ċitazzjoni huwa wieħed mill-iskritturi prinċipali tal-proċedimenti fis-sistema tagħna hija ħaġa ovvja, u allura l-artikolu kkwotat japplika għaċ-ċitazzjoni, bħal kull skrittura oħra;

U difatti l-liġi konsistentement tkompli tiddisponi:

"Tkun ir-responsabbilita` ta' l-attur li jieħu ħsieb li permezz tar-Reġistratur, kopja taċ-ċitazzjoni u tad-dikjarazzjoni tiġi nnotifikata lill-konvenut" (artikolu 157 Kap. 12);

Għalhekk hija l-kopja ta' l-oriġinal taċ-ċitazzjoni u tad-dikjarazzjoni li għandhom jiġu nnotifikati lill-konvenut u mhux l-oriġinal;

L-artikolu 191, Kap. 12 imbagħad jiddisponi kif għandhom ikunu l-kopji li jiġu nnotifikati:

"Il-kopji għandhom ikunu stampati, miktuba bit-*typewriter*,

magħmula b'mezzi mekkaniċi jew b'xi proċess fotografiku jew miktuba bil-linka;

Iżda f'kull każ għandhom jinkitbu b'karattru ċar u leġibbli faċilment;

Għandhom ikunu ukoll awtentikati mir-Reġistratur li jkunu veri ta' l-oriġinal;

Għalhekk kull kopja ta' l-iskritturi ġudizzjarji għandha tissodisfa dawn iż-żewġ modalitajiet:

(a) Tkun ċara u faċilment leġibbli u (b) jkollha l-firma *tar-*Reġistratur li jiċċertifikaha li hija vera kopja ta' l-oriġinal li huwa jikkustodixxi;

Il-liġi ma tridx il-firma ta' l-Imħallef fuq il-kopja ta' l-atti imma fuq l-atti biss - artikoli 117 u 118 Kap. 12. U verament, jekk l-Imħallef jiffirma kemm l-"oriġinal" kif ukoll il-"kopja", dawn it-tnejn ma jibqgħux hekk distinti għaliex prattikament l-unika differenza bejniethom hija proprju li ċ-ċitazzjoni għandha l-firma ta' l-Imħallef waqt li l-kopja tagħha - kif għandha tkun kopja - "tirreġistra" li hemm il-firma fl-oriġinal. Jekk l-Imħallef jiffirma t-tnejn ikun hemm żewġ skritturi oriġinali - żewġ atti identiċi - *li* jwassal għall-konfużjoni. Ma jidhirx li huwa konsoni mas-sistema tagħna li mbagħad, ir-Reġistratur tal-Qrati Superjuri jawtentika l-firma ta' l-Imħallef, kieku din kellha tkun fil-"kopja" ukoll;

Fil-każ, *de quo agimur*, fil-kopja li biha ġie nnotifikat il-konvenut, hemm nieqsa l-awtentikazzjoni. Huwa żbaljat li tissemma' n-nullita' f'dan il-kuntest. Il-liġi tikkontempla biss in-

nullita` ta' l-atti ġudizzjarji - artikoli 789 - 790 tal-Kap. 12 - u mhux tal-kopji ta' dawk l-atti. Kopja tista' tkun konformi jew mhux konformi ma' l-oriġinal. Tista' tkun kopja awtentikata jew informali. Imma l-kwalifika ta' nullita`, f'kuntest ġuridiku, ma teżistix. Il-liġi difatti titkellem biss fuq kopji regolari jew irregolari;

Meta kopja ta' skrittura ġudizzjarja jkollha xi wieħed mid-difetti imsemmija - ċjoe` ma tkunx ċara u faċilment leġibbli jew ma tkunx ċertifikata bħala vera kopja mir-Reġistratur skond l-artikolu 191, ċċitat, allura l-liġi tipprovdi hekk, biex id-difett jiġi rranġat:

"Meta d-disposizzjonijiet ta' l-aħħar artikolu qabel dan ma jiġux imħarsa, il-parti għandha l-jedd għall-kopja oħra li għandha tiġi magħmula skond dan l-artikolu, bi spejjeż ta' min ikun għamel il-kopja mhux regolari, iżda dan kemm-il darba t-talba għal din il-kopja l-oħra tiġi magħmula lir-Reġistratur mill-persuna interessata fi żmien jumejn mill-kunsinna tal-kopja mhix regolari; u f'dan il-każ, meta jkun hemm żmien stabbilit, dan iż-żmien ma jibdiex jgħodd qabel ma tiġi kkonsenjata l-kopja t-tajba" (artikolu 192, Kap. 12);

Konsegwentement, fil-każ in kawża, dan ifisser illi meta l-konvenut ġie nnotifikat b'kopja rregolari, inkwantu ma kinitx awtentikata mir-Reġistratur bħala kopja vera ta' l-oriġinal, il-konvenut kellu jagħmel talba għall-kopja regolari u dan a spejjeż ta' l-istess Reġistratur li naqas li jawtentika l-kopja u l-perijodu għall-preżentata tan-nota ta' eċċezzjonijiet - billi l-att kien ċitazzjoni - kien jibda jiddekorri mid-data li jingħata kopja regolari;

<u>Din it-talba, pero` trid issir fi żmien jumejn min-notifika tal-</u>

kopja irregolari;

Din il-Qorti ma tistax ma tifhimx dan l-artikolu li *jfisser li* wara li jgħaddu dawk il-jumejn, il-konvenut, li ma jagħmel xejn, jitqies - *juris et de jure* li aċċetta l-kopja, irregolari kemm hija rregolari - u jekk irid ikollu kopja regolari - wara li jiddekorru dawk il-jumejn - huwa għandu biss id-dritt li jingħata kopja skond l-artikolu 115, Kap. 12 - u għas-spejjeż tiegħu. Il-liġi dejjem ittendi favur il-validita' tal-proċedimenti skond il-massima - *rite et recte presumitur*;

B'hekk il-liġi tissana n-notifiki ta' u b'kopji rregolari u l-espost tal-konvenut li l-kontumaċja tiegħu kienet ġustifikata għaliex ma ġiex innotifikat biċ-ċitazzjoni validament hija kompletament infondata";

Din il-Qorti rriproduċiet *in extenso* din il-parti tas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti għaliex sempliċement ma ssib xejn x'tiċċensura, wisq anqas xi tbiddel jew tvarja, fiha. Huwa ċar li d-disposizzjoni ta' l-artikolu 192 tal-Kap. 12 tapplika ukoll għal meta skrittura jew att ieħor tal-proċedura tkun nieqsa mill-awtentikazjoni, tar-Reġistrautr kif provdut fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 191;

Din il-Qorti, pero', tixtieq tagħmel ċar punt wieħed, u dan b'referenza għal dak li jingħad f'paragrafu tas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti hawn aktar 'l fuq riportata, fejn dik il-Qorti semmiet ukoll kopja "konformi" jew "mhux konformi" ma' l-oriġinal. Din il-Qorti trid tagħmilha ċara li qed taqbel ma' l-Ewwel Qorti għal dak li jirrigwarda l-konklużjoni tagħha dwar il-kwistjoni tan-notifika f'dan il-każ peress illi l-kopja notifikata lill-konvenut kienet kopja fidila ta' l-oriġinal, fis-sens li kienet konformi f'kollox ma' l-oriġinal.

anke f'dik il-parti fl-aħħar taċ-ċitazzjoni fejn hemm isem l-Imħallef, id-data meta ġiet iffirmata l-oriġinal, kif ukoll il-kliem "ft. G. Mifsud Bonnici, Imħallef". F'dan il-każ kien jonqos biss l-awtentikazzjoni mir-Reġistratur. Għalhekk dak li ġie nnotifikat lill-konvenut jista' jingħad li kienet verament kopja ta' l-oriġinal, għalkemm kienet kopja irregolari fl-assenza ta' l-awtentikazzjoni tar-Reġistratur. L-istess kien jingħad li kieku ma kinitx ċara jew leġibbli faċilment: kienet tkun kopja iżda, peress li mhux ċara jew leġibbli faċilment, kopja irregolari;

Kien ikun differenti l-każ li kieku d-dokument innotifikat lill-konvenut kellu xi ħaġa nieqsa fih li pero` kienet tinsab fl-oriġinal, per eżempju, xi kliem, xi paragrafu jew xi faċċata; jew kieku ma kienx hemm indikat isem l-Imħallef li ffirma l-oriġinal; jew ma kienx hemm id-data meta l-oriġinal suppost li ġie ffirmat. F'każ bħal dan wieħed ma kienx jista' jitkellem dwar "kopja" (ankorke` irregolari) ta' l-oriġinal, proprju għax kopja tfisser li trid tkun identika, fil-kontenut tagħha, għall-oriġinal;

*Omissis*;

It-tielet aggravju tal-konvenut appellant hu li fil-meritu l-Ewwel Qorti iddeċidiet ħażin meta laqgħet it-talbiet attriċi. Bażikament l-appellant jikkontendi li ġaladarba l-kontumċja hi kontestazzjoni tat-talba jew talbiet u mhux ammissjoni tagħhom, biex tilqa' dik it-talba jew talbiet l-Ewwel Qorti kellu jkollha provi quddiemha tar-responsabbilita` tal-konvenut li jew jikkonsenja lill-atturi s-sett tal-kamra tas-sodda ta' Lm700 jew li jħallashom Lm700;

*Omissis*;

Din il-Qorti ħasbet fit-tul fuq dan l-aggravju u waslet għall-konklużjoni li jimmerita li jiġi akkolt;

*Omissis*;

Għall-motivi premessi din il-Qorti tiddeċidi billi: tiċħad l-appell ta' l-intervenut Joseph Falzon; tilqa' l-appell tal-konvenut Nutar Dr. Alex Sceberras Trigona u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-konvenut li fi żmien xahar jikkonsenja lill-atturi s-sett tas-sodda li kien il-premju fil-lotterija imsemmija fiċ-ċitazzjoni u fin-nuqqas iħallas lill-atturi s-somma ta' seba' mitt lira (Lm700) valur ta' l-istess kamra tas-sodda, u tikkonferma l-bqija tas-sentenza;

Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż kollha, inklużi dawk ta' l-ewwel istanza, għandhom jiġu ssopportati kwantu għal żewġ terzi ($^2/_3$) mill-intervenut Joseph Falzon minħabba l-intervent abbużiv tiegħu u l-persistenza f'dan l-abbuż fl-appell; ir-rimanenti terz ($^1/_3$) ta' l-ispejjeż għandu jiġi ssopportat bin-nofs bejn l-atturi min-naħa l-waħda u l-konvenut min-naħa l-oħra.